MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2017

Rikors Maħluf Numru 987/10LM

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurati tagħha Royal Malta Golf Club, Roger Nelson Kenward, Sean u Lisa Bradshaw, Kay Chopping u George Busuttil, kif ukoll Paul Stoner (K.I. 23666A), Victor Satariano (K.I. 964844M), u John Lewis (K.I. 12417A) għan-nom u in rappreżentanza tal-istess Royal Malta Golf Club**

***vs.***

**Raymond Bugeja (K.I. 654456M) u kif ukoll, Emanuel Borg (K.I. 509270M), Jesmond Aquilina (K.I. 46868M) u Paul Aquilina (K.I. 181045M) li huma l-President, Segretarju u Kaxxier rispettivament *proprio* u in rappresentanza tal-Għaqda tan-Nar San Sebastjan AD 1979**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat mill-atturi fid-29 ta' Settembru, 2010 **GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurati tagħha Royal Malta Golf Club, Roger Nelson Kenward, Sean u Lisa Bradshaw, Kay Chopping u George Busuttil, kif ukoll Paul Stoner, Victor Satariano, u**

**John Lewis għan-nom u in rappreżentanza tal-istess Royal Malta Golf Club** (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħlufa minn John Galdes, li jgħid kif ġej:

1. *Illi, fit-18 ta' Lulju, 2009 bil-lejl seħħ inċident billi l-Locker Room tal-Royal Malta Golf Club il-Marsa, u kemm il-bini kif ukoll il-kontenut inħakmu bin-nirien.*

2. *Illi n-nirien seħħew minħabba li l-intimati ħarqu nar u murtali fil-viċinanzi u d-debris tal-istess waqa' fuq il-proprjetà imsemmija u b'hekk seħħ l-inċident imsemmi.*

3. *Illi b'riżultat għal dan l-inċident saret ħsara konsiderevoli lill-proprjetà tal-assigurati tas-soċjetà attriċi.*

4. *Illi tali inċident seħħ b'negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' tħaris tal-intimati solidarjament bejniethom kemm fil-konfront ta' Raymond Bugeja, li huwa l-licensee, kif ukoll fil-konfront tal-intimati l-oħra li huma membri tal-kumitat tal-Għaqda tan-Nar San Sebastjan AD 1979 li evidentement ma ħadux prekawzjonijiet xierqa u opportuni sabiex jaċċertaw li ma ssirx ħsara fil-proprjetà tal-assigurati tas-soċjetà attriċi.*

5. *Illi s-soċjetà attriċi ħallset lill-assigurati tagħha parti mid-danni, ċjoè dak il-porzjon tad-danni li waqgħu entro il-polza ta' assigurzzjoni net of excess, li ammontaw għal €80,250 u b'hekk ġiet debitament surrogata skont il-liġi u inoltre, ħallset ukoll is-somma ta' €4,251 bħala drittijiet u spejjeż sabiex sar is-survey u għalhekk id-danni totali sofferti mis-soċjetà attriċi huma ta' €84,501 u minbarra dan il-Royal Malta Golf Club sofriet danni ulterjuri (li ma kienux koperti bil-polza* (recte) *tas-soċjetà attriċi) f'ammont ta' €31,281 biex b'hekk d-danni jammontaw għal €115,782.*

6. *Illi l-intimati interpellati sabiex jersqu għall-ħlas tad-danni subiti baqgħu inadempjenti.*

*Għaldaqstant igħidu l-intimati għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddikjarhom solidarjament responsabbli għall-inċident fuq imsemmi għar-raġunijiet premessi;*
2. *Tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi u lill-Royal Malta Golf Club skont is-sehem rispettiv tagħhom s-somma ta' €115,782 jew kull somma oħra verjuri.*

*Bl-ispejjeż u bl-interessi mid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors ġuramentat kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti **Raymond Bugeja u kif ukoll Emanuel Borg, Jesmond Aquilina u Paul Aquilina li huma l-President, Segretarju u Kaxxier rispettivament *proprio* u in rappreżentanza tal-Għaqda tan-Nar San Sebastjan AD 1979** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti") li ġiet ippreżentata fit-2 ta' Novembru, 2010, u maħlufa minn Raymond Bugeja u Jesmond Aquilina, li biha eċċepew:

1) *Illi fl-ewwel lok qed jiġi eċċepit illi Emanuel Borg, Jesmond Aquilina u Paul Aquilina ma humiex il-leġittimi kontradditturi fil-kwalità personali tagħhom u lanqas l-għaqda intimata għalhekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.*

2) *Illi mingħajr preġudizzju għal dak eċċepit, l-atturi għandhom jippruvaw l-allegazzjonijiet minnhom magħmula in sostenn tat-talba tagħhom u ċjoè li l-allegati danni huma riżultat ta' xi attività li saret skont permessi maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti li għalihom applika l-intimat Raymond Bugeja*[1].

3) *Illi ma kien hemm ebda negliġenza da parti tal-intimati jew min minnhom li setgħet wasslet għal xi danni lill-atturi jew min minnhom.*

4) *Illi mingħajr preġudizzju għal dak ġjà eċċepit, l-atturi għandhom iressqu provi dwar l-allegazzjoni tad-danni mitluba f'din il-kawża.*

5) *Illi mingħajr preġudizzju għal dak eċċepit, id-danni mitluba huma eċċessivi.*

6) *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-11 ta' Novembru, 2010 fejn ġiet maħtura l-Avukat Dr. Yvette Cassar bħala Assistent Ġudizzjarju.

[1] Kopja tal-permessi għall-ħruq tan-nar *a fol.* 14 sa 17.

Rat in-nota tas-surroga datata 29 ta' Ottubru, 2014[2] fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif preseduta tal-15 ta' Ottubru, 2015 fejn ġiet maħtura bħala Assistent Ġudizzjarju l-Avukat Dr Daniela Bugeja Mangion minflok Dr Yvette Cassar.

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Mejju, 2016 fejn irrevokat il-ħatra l-Avukat Dr Daniela Bugeja Mangion bħala Assistent Ġudizzjarju.

Rat il-verbal tal-aċċess li sar mill-Qorti fil-31 ta' Jannar, 2017 fuq il-lok mertu tal-kawża.[3]

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Qrat u semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentat mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

---

[2] *A fol.* 244.
[3] *A fol.* 376 u 377.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Ġunju, 2017 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Il-kwistjonijiet bejn il-partijiet**

Is-soċjetà GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tar-Royal Malta Golf Club (minn issa 'l quddiem "ir-RMGC") u ta' xi membri oħra tal-*club*, kif ukoll l-istess Royal Malta Golf Club għad-danni li ma kinux assigurati, jikkontendu illi l-konvenuti huma responsabbli għall-inċendju li seħħ fit-18 ta' Lulju, 2009 billejl meta il-bini u l-kontenut tal-*locker room* fir-Royal Malta Golf Club inħakmu minn nirien. B'konsegwenza tal-imsemmi inċendju l-atturi soffrew danni fis-somma komplessiva ta' €115,782. L-atturi jsostnu li dan l-inċendju kien ikkaġunat minħabba negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti bl-isparar ta' nar u murtali mill-Għaqda tan-Nar San Sebastjan AD 1979 (minn issa 'l quddiem "l-Għaqda") u minn Raymond Bugeja li għandu l-liċenzja kemm biex jimmanifattura u kemm biex jispara l-murtali u nar ieħor. Min-naħa tagħhom il-konvenuti jikkontendu li l-President, Segretarju u Teżorier personalment, kif ukoll l-Għaqda mhumiex il-leġittimi kontradittur u għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju. Fil-mertu l-konvenuti qegħdin jikkontestaw li kien hemm xi negligenza da parti tagħhom u jsostnu li sta għall-atturi li jippruvaw kemm l-allegazzjonijiet tagħhom u d-danni sofferti.

## Provi u riżultanzi

*Provi dwar id-dinamika u r-responsabbilità għall-inċident:*

**Bernard Farrugia** minn Resolve Consulting Limited li kienet inkarigata mis-soċjetà attriċi GasanMamo Insurance Limited biex tinvestiga l-każ, xehed[4] illi kien mar fuq il-post tal-inċident l-għada tal-inċident fid-9.30a.m. Ix-xhud jgħid illi kien kellem lil Peter Stoner, Victor Satariano u Vanessa Galea u dawn qalulu illi fil-lejl ta' qabel kien qed jingħata n-nar tal-festa ta' San Bastjan ta' Ħal Qormi u fdalijiet mill-murtali li kienu għadhom jaqbdu, waqgħu fuq il-bini tal-*locker room* tar-Royal Malta Golf Club fil-Marsa Sports Club u n-nar infirex. Meta x-xhud kien fuq il-lok tal-inċident, kien hemm ukoll il-Professur Alfred Vella u l-perit Paul Micallef li kienu ġew maħtura mill-Qorti tal-Maġistrati bħala esperti tal-Qorti. Ix-xhud ħa diversi ritratti[5], li juru ħafna fdalijiet ta' kartun tal-murtali madwar l-istess *Club House.* Bernard Farrugia kkonferma li bl-għajnuna wkoll tal-perit Alfred Grech kien lesta rapport preliminari[6] li kien jgħid *inter alia*:

> *"The fire was noticed at about 22.15 hours on Saturday 18th July by a maintenance person of the Insured, Mr Joseph John Gerada, who was on duty at the Marsa Sports Club during a function.*
>
> *Mr. Zerafa noticed smoke escaping from the locker room of the Royal Malta Golf Club and tried to attack the fire with the use of hand-held fire extinguishers. He realised that this was beyond control and the Civil Protection Department was called.*
>
> *Mr. Zerafa stated that when the fireworks of the San Bastjan feast were being let off, he saw flaming materials falling down to the ground.*

[4] *A fol.* 106 u 107.
[5] *A fol.* 108.
[6] *A fol.* 38 sa 42.

> *It appears that the flaming debris set the roof of the locker room alight. This consisted of fibreglass corrugated sheeting that was installed over 9 years ago. The fireworks were being let off the Marsa Sports Club grounds and it seems that all permits were in place."*[7]

Farrugia isemmi wkoll li kien attenda għall-inkjesta maġisterjali u għall-investigazzjonijiet li kienu ġew inkarigati jagħmlu Prof. Alfred Vella u l-Perit Paul Micallef u jkompli jgħid fir-rapport preliminari tiegħu:

> *"It was confirmed that the fencing around the locker room was intact when the fire started, and was only torn down by the Civil Protection Department during the fire. This therefore reduces the possibility of arson".*[8]

Ix-xhud Bernard Farrugia ħejja wkoll *interim report*[9] u rapport finali[10] li però ma daħlux iktar fuq il-probabbli kawża tal-inċendju.

Xehed ukoll **Geroge Busuttil**[11] li ssurroga lis-soċjetà attriċi GasanMamo Insurance Limited fid-drittijiet tiegħu kontra l-konvenuti. L-għada tal-inċident ix-xhud mar fuq il-post għax fil-*locker room* li nħarqet kellu l-*locker* tiegħu bl-*equipment* tiegħu konsistenti f'*golf clubs, golf shoes, aluminium retreiver, trolley* u xi *accessories* oħrajn.[12] Busuttil jgħid li kien sab straġi sħiħa u sab l-apparat tiegħu kollu maħruq u mdewweb u kien *total loss*. Minn dak li seta' jara, kienu waqgħu partijiet mill-murtali fuq is-saqaf tal-*locker room* u s-saqaf li kien tal-*corrugated sheets* kien ħa in-nar.

---

[7] *A fol.* 39.
[8] *A fol.* 40.
[9] *A fol.* 35 sa 37.
[10] *A fol.* 22 sa 31.
[11] Affidavit *A fol.* 112.
[12] Ara l-lista tal-*equipment a fol.* 115.

**Vanessa Galea**, is-Segretarja tar-Royal Malta Golf Club fix-xhieda tagħha[13] tgħid li meta ssir il-festa ta' San Bastjan, l-organizzaturi jaħarqu n-nar minn parti tal-*golf course* billi hemm permess iffirmat mill-Gvern mal-kuntratt tal-art. Dakinhar tal-inċident marret fuq il-post wara li kien ċemplilha ċ-*Chairman* tal-Club, Paul Stoner u meta wasslet fuq il-post kien għad hemm il-pumpiera qed jippruvaw jikkontrollaw in-nar li kien hemm fil-*club house,* fin-naħa fejn kien hemm il-*locker room*. L-inkwiet tax-xhud kien li hemmhekk kienu jżommu ċ-ċilindri tal-gass tal-kċina li kienet viċin il-*locker room.* Hija kienet aċċediet flimkien mal-pumpiera għal kuridur li jagħti għall-uffiċċju minn fejn ġabu ċ-ċwievet, imbagħad il-pumpiera irnexxielhom jidħlu fir-restaurant biex minn hemmhekk ippruvaw jikkontrollaw in-nar. Ix-xhud tgħid li fuq il-post kien hemm fost l-oħrajn Joseph Zerafa, il-*watchman* tal-Marsa Sports Club. Vanessa Galea tgħid li d-dawra ta' madwar fejn inħaraq il-*club house* kienet mimlija bil-fdalijiet tal-murtali. Ix-xhud tgħid li l-*lockers* ġew prattikament distrutti bil-kontenut tagħhom. Eventwalment wara li ntefa' n-nar, ix-xhud kienet ivverifikat flimkien mas-*surveyor* nominat mill-*insurance*, l-affarijiet kollha li ġew affettwati bil-ħruq.

Ix-xhud tgħid ukoll illi dak il-lejl stess meta seħħ l-inċendju, tal-Għaqda tan-Nar ta' San Sebastjan kien għad fadlilhom kaxxa oħra ta' murtali li ma kinitx għadha nħarqet u talbu l-parir tal-pumpiera jekk kellhomx jaħarqu din il-kaxxa u minkejja li l-pumpiera ma kinux tal-parir, tal-Għaqda peress li qalu li kien iktar perikoluż jekk iħallu l-murtali fuq il-post mhux maħruqa, ħadu r-responsabbilità li jaħarquhom u hemm innotat li bir-riħ kif kien dakinhar, il-fdalijiet ta' dawn il-murtali, uħud minnhom għadhom iġemmdu, bdew jaqgħu fuq il-bini tar-RMGC. L-istess ġara l-għada filgħodu bil-ħruq ta' aktar murtali.

[13] Affidavit *a fol.* 131 sa 133.

In kontroeżami[14] Vanessa Galea tgħid li l-Għaqda tan-Nar kellha dritt tuża parti mill-art li r-RMGC kien jikri mill-Marsa Sports Club. Ix-xhud tgħid li kienet ilha mar-RMGC mill-2001 u qatt ma tiftakar ħruq bħal dan. Ix-xhud tikkonferma li l-għada tal-festa tal-Għaqda kienu jiġu jnaddfu d-*debris* li jaqa' mill-murtali. Ix-xhud tgħid li ma kellhomx *policy* li jħallu *watchman* fil-ġranet meta ikun hemm il-ħruq tan-nar. Galea tgħid li però tiftakar li fil-festa ta' xi snin ta' qabel, kienu ġew tat-tifi tan-nar minħabba ħruq ta' xi siġar. Ix-xhud tgħid illi llum is-saqaf tal-*locker room* inbena tal-konkos jew planki u żgur mhux tal-*corrugated sheeting* u wara li seħħ l-inċident inkwistjoni, fil-ġranet tal-festa bdew iħallu *watchman overtime.*

Mir-rapport tal-okkorrenza tal-Pulizija[15] ma hemm ebda indikazzjoni dwar il-kawża tan-nirien, salv li jissemma li kienet inħatret inkjesta mill-Maġistrat Silvio Meli u ġew innominati bħala esperti l-Profs. Alfred Vella u l-perit Paul Micallef. **Is-Supretendent Lawrence Cutajar**[16] esebixxa l-liċenzja ffirmata minnu, maħruġa lill-konvenuti biex setgħu jaħarqu in-nar dakinhar tal-inċident,[17] flimkien maċ-ċertifikat tal-assigurazzjoni li tal-Għaqda kellhom għal dawk il-ġranet.[18]

Xehed ukoll iċ-*Chairperson* Onorarju tal-Bord tar-RMGC, **Paul Stoner**[19] li mar fuq il-post l-għada għax dakinhar tal-inċident kien hemm is-Segretarja tal-*club*, li qaltlu li dakinhar stess tal-inċendju meta fuq il-post kien għad hemm il-pumpiera, tal-Għaqda reġgħu bdew jisparaw il-murtali u l-għada qal li rahom huwa stess qed jaħarqu n-nar.

---

[14] *A fol.* 366 sa 370.
[15] *A fol.* 153 u 154.
[16] *A fol.* 150 sa 152.
[17] *A fol.* 155.
[18] *A fol.* 156, li kienet tkopri l-ġranet tal-ħruq tan-nar, inkluż il-ġurnata tal-inċident tat-18 ta' Lulju, 2009.
[19] *A fol.* 174 sa 176.

In kontroeżami Paul Stoner jgħid[20] li ilu jokkupa l-kariga ta' *Chairperson* tar-RMGC għal tnax-il sena. Ix-xhud ikkonferma li l-aktar parti li ntlaqtet fl-inċident kienet dik il-kamra li kellha is-saqaf tal-*corrugated sheeting.* Ix-xhud jgħid li fil-*club* kienu jżommu *fire extinguisher.* Stoner jgħid illi huma qatt ma ġew ikkuntatjati minn tal-Għaqda qabel xi festa biex jieħdu xi prekawzjonijiet. Ix-xhud jgħid li l-arranġament biex tal-Għaqda jaħarqu n-nar fl-akkwati tar-RMGC, kien sar bejn il-Gvern u l-Għaqda u mhux mar-RMGC. Stoner jgħid li huma kienu ilhom jilmentaw mal-Gvern dwar dan l-arranġament. Ix-xhud sostna li minn fejn sparaw tal-Għaqda dakinhar tal-inċendju, ma kienx miż-żona li tal-Għaqda kienu ftiehmu fuqha mal-Gvern, iżda 'l barra minn dik iż-żona. Meta ġie muri r-ritratt *a fol.* 206 li kien mar-rapport ta' Jason Vassallo li kien inkarigat mis-soċjetà SMS Insurance, li juri minn fejn kienu qegħdin sparaw tal-Għaqda u fejn jinsab il-*Club House* u li juri wkoll id-direzzjoni tar-riħ*,* Paul Stoner ikkonferma li fejn hemm immarkat minn fejn kienu qegħdin jisparaw tal-Għaqda huwa korrett, però dan kien lil hinn miż-żona fejn suppost kienu qegħdin jisparaw.[21] Ix-xhud spjega wkoll li hu dejjem kien oppona għall-ftehim bejn l-Gvern u l-Għaqda dwar minn fejn setgħu jisparaw, kemm minħabba ħsarat li kien isir lit-*turf* u lis-siġar tagħhom u kemm minħabba l-fdalijiet li kienu jitħallew. Paul Stoner jgħid li dan l-aħħar kienu qegħdin jikkumpensawhom tal-ħsarat, iżda l-ħsarat kienu jkunu pjuttost żgħar. Ix-xhud jispeċifika li ma kellux kopja tal-ftehim bejn il-Gvern u l-Għaqda, li huwa *private encroachment agreement* datat 14 ta' Ġunju, 1991 bir-referenza 95908, però kellu kopja tal-pjanta annessa mal-kuntratt.[22] Stoner jgħid illi f'post minnhom minn fejn sparaw tal-Għaqda dakinhar tal-inċendju, kien ferm

---

[20] *A fol.* 331 sa 333, 341 u 342 u 355 sa 360.
[21] *A fol.* 333.
[22] *A fol.* 343.

aktar viċin tal-*Club House* milli kellu jkun skont l-pjanta annessa mal-ftehim bejn il-Gvern u l-Għaqda u dan ikkonfermah ukoll b'ritratti li esebixxa.[23]

Paul Stoner qal li l-*club* ma ħax passi kontra l-Gvern minħabba dan il-ftehim li għamel mal-Għaqda u lanqas fittex lill-Gvern għad-danni. Ix-xhud jgħid li meta tal-Għaqda kienu jisparaw barra miż-żona allokata lilhom, huma (tar-RMGC) kienu jirrappurtaw lill-Pulizija, li però ma kinux jieħdu passi għax kienu jgħidulhom li lil dawk in-nies ma setgħu jagħmlulhom xejn.

Stoner jispjega wkoll li kienu ħadu prekawzjoni b'kopertura tal-assigurazzjoni, imma wara l-inċendju rrealizzaw li ma kinux aġġornaw maż-żmien l-ammont assigurat fil-polza tagħhom u l-assigurazzjoni kkonkludiet illi kienu *undervalued* u ħallsithom ammont *pro rata* u l-kumplament tal-ispejjeż tal-ħsarat ħariġhom il-*club* minn ġewwa.[24] Ix-xhud jispjega li qabel l-inċident mertu tal-kawża, l-aktar li kellhom ħsarat kien fit-*turf* u qatt ma għaddew mill-esperjenza li jinħarqilhom il-*corrugated sheeting* li kien jgħatti l-*locker room.* Ix-xhud jgħid li bl-inċendju, fejn kien hemm is-saqaf tal-*corrugated fibre glass,* li kien imsaqqaf b'dan il-mod għax kien bini antik, inħaraq bil-materjal tal-murtali li laqtu minn fuq. Stoner jgħid li wara l-inċident saqqfu skont il-*best practice* tal-lum u allura mhux bil-*fibre glass.*

Ġiet esebita wkoll kopja tal-*procès-verbal* tal-inkjesta li kienet saret mill-Maġistrat Silvio Meli bl-assistenza tal-perit Paul Micallef u tal-professur Alfred Vella.[25] Il-Maġistrat Inkwirenti Silvio Meli qabel mal-konklużjonijiet tar-rapporti tal-esperti. Il-perit Micallef ikkonkluda illi l-ħsarat kienu jkunu ferm

---

[23] *A fol.* 344 u 345.
[24] Dan huwa spjegat ukoll fir-rapporti tal-*loss adjuster* Bernard Farrugia.
[25] *A fol.* 160 sa 168.

akbar li kieku ma marrux fil-pront fuq il-post il-ħaddiema tal-Protezzjoni Ċivili, fejn anki kien hemm ċilindri tal-gass li ma laħqux splodew.

Fir-rapport tal-Profs. Alfred Vella jingħad illi:

1. Fl-opinjoni tiegħu l-ħruq ma kienx doluż iżda ġie kkawżat aċċidentalment;
2. Din il-konklużjoni hi bbażata fuq il-fatt li fil-post ma nstab ebda sinjal ta' żgass u lanqas provi fiżiċi li jindikaw li l-ħruq kien doluż;
3. Il-mod kif inħarqu l-affarijiet jindika li n-nar oriġina fil-livell tas-saqaf u mhux tal-art:

> "Il-mod ta' kif inħarqu l-affarijiet fi kmamar A u B kien konsistenti ma' impatt minn front ta' nar li laqat lil dawn l-affarijiet min-naħa ta' fuq: u ċjoè, li s-sors ta' fjammi kien is-saqaf jaqbad tal-*glass fibre.* Il-*glass fibre* li minnu kien magħmul is-saqaf ta' kmamar A u B huwa materjal li huwa faċilment kombustibbli u jekk jiġi inċendjat b'xi mod ir-resina li tifforma parti integrali mill-*glass fibre* tkompli taqbad b'faċilità kbira u b'rapidità.";

4. In-nar għamel l-akbar ħsarat f'waħda minn dawn iż-żewġ kmamar, il-kamra B, fejn is-*seat of fire* mhux bilfors kien lokalizzat fiha, imma jfisser biss li n-nar hawnhekk sab l-akbar ammont ta' affarijiet kombustibbli;
5. Wara li eżamina jekk setax l-inċendju kien riżultat ta' kawżi elettriċi, ikkonkluda minn kif kien għaddej l-elettriku u fejn beda l-ħruq, li din il-possibbilità li dan kien is-sors tal-ħruq kienet baxxa ħafna;
6. Ikkonkluda li d-*debris* pirotekniku volanti ġġenerat mill-ħruq tal-murtali tal-festa ta' San Bastjan li seħħ dakinhar fil-viċinanzi tal-*golf club* fil-ħin jew ftit minuti qabel oriġina n-nar fil-*club house,* dan id-*debris* jaqbad,

jekk jaqa' fuq is-saqaf tal-*glass fibre* tal-kmamar A jew B tal-*golf club,* bi probabbiltà kbira kien kapaċi jikkawża li dan is-saqaf jieħu n-nar.

7. Skont ix-xhieda tal-*watchman* John Zerafa n-nar beda fil-*golf club* għal ħabta ta' bejn l-10.00 u l-10.15 p.m. fil-ħin li kien qiegħed isir sparar ta' murtali tal-festa minn post li jinsab madwar 650 m 'il bogħod mill-club. Zerafa stqarr li ra *debris* pirotekniku jaqbad niżel fl-akkwati tal-golf club anki qabel ma skopra li kien hemm in-nar jaqbad fil-*golf club*;
8. Il-preżenza ta' kwantità kbira ta' *debris* pirotekniku madwar il-bini tal-*golf club* kienet evidenti fuq il-ħaxix tal-grounds tal-*golf club* wara l-inċident. Mhux biss, imma l-espert ra b'għajnejh stess dan il-materjal nieżel fl-art waqt ħruq ta' murtali nhar il-Ħadd 19 ta' Lulju, 2009;
9. Stante li l-*golf club* kien fl-area milquta mid-*debris* pirotekniku volanti ġġenerat mill-ħruq ta' murtali tal-festa ta' San Bastjan, jidher li bi probabbilità kbira, in-nar fis-saqaf tal-*glass fibre* ġie kkawżat minn impatt fuqu ta' d*ebris* volanti jaqabad iġġenerat mill-ħruq tal-murtali.

Xehed ukoll **Jason Vassallo**[26] ta' Equitas *loss adjusters, surveyors* u *consultants,* li ħejja *survey report*[27] fuq l-inkarigu tal-assigurazzjoni tal-Malta Pyrotechnics Society u tal-konvenut Raymond Bugeja. Ix-xhud jgħid li hu kien ħa r-ritratti *a fol.* 205 u 206 fl-24 ta' Lulju, 2009. Vassallo jgħid li l-materjal tas-saqaf li nħaraq, *corrugated plastic sheeting,* hu materjal li faċilment jieħu n-nar u diffiċli biex titfiegħ. Ix-xhud żied jgħid li ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex ma kellux jsir il-logħob tan-nar dakinhar tal-inċident. Fir-rapport tiegħu Vassallo jispjega li dakinhar tal-inċident kien hemm *"a steady wind - Beaufort Force 6-7 and the direction of the wind was advisedly at an angle of 60 to 70*

[26] *A fol.* 202A sa 202C.
[27] *A fol.* 203 sa 206.

*degrees to the line between the firing and the clubhouse".* Skont dan ir-rapport ta' Jason Vassallo, għalkemm il-vetturi tat-tifi tan-nar kienu mill-ewwel fuq il-post tal-inċident, ix-xogħol tagħhom ġie imfixkel minħabba li l-bieb ta' barra tal-*locker room* kien tal-azzar u imsakkar minn ġewwa u il-materjal tas-saqaf għen biex n-nar jinxtered malajr. Fir-rapport tiegħu Vassallo jgħid li fil-liġi Maltija ma tesixtix *"strict liability",* iżda r-responsabbilità hi ibbażata biss fuq negliġenza. Ix-xhud jgħid illi l-*golf club* fil-kirja li kellu, kien aċċetta li f'ċerti dati jiġu sparati il-murtali. Apparti dan, il-murtali dakinhar tal-inċident ġew sparati 210 metru 'l bogħod mill-*club* u għalhekk aktar mill-minimu ta' 200 metru rikjest mil-liġi. Jason Vassallo jasal għall-konklużjoni li għalkemm ma kien seħħ ebda inċident fis-sit inkwistjoni fid-19-il sena ta' qabel, peress li r-RMGC kien iddikjara pubblikament li dan l-inċident kienu ilhom jistennew li se jseħħ, allura kienu fit-tort li ma ħadux prekawzjonijiet fir-rigward tal-materjal tas-saqaf. Vassallo jgħid ukoll li ladarba r-RMGC kien aċċetta fil-kirja tiegħu li tal-Għaqda setgħu jisparaw il-murtali, dan jeskludihom milli jfittxu lill-Għaqda u lil-*licensee.*

In kontroeżami[28] Jason Vassallo jgħid li wasal għad-direzzjoni tar-riħ mill-marki tal-ħruq fl-art. Mistoqsi però għad-direzzjoni tar-riħ fil-jum tal-inċident, ix-xhud ma setax jgħid. Ix-xhud lanqas seta' jikkonferma li n-nirien kienu oriġinaw minħabba il-murtali, però jgħid li dan seta' jkun u stqarr illi ma jara li kien hemm ebda kawża oħra tal-ħruq. Ix-xhud jgħid li ma jistax jikkonferma il-ħsarat li kien hemm ġewwa l-*club* għax ma daħalx ġewwa biex ikun jista' jikkonstata il-ħsarat minn ġewwa.

[28] *A fol.* 224 u 225.

**Jesmond Aquilina**[29], is-Segretarju tal-Għaqda tan-Nar San Sebastjan ikkonferma li hu qatt ma applika biex jaħraq in-nar f'ismu personali u hija l-Għaqda li taħraq in-nar. Aquilina jgħid li għall-permess tapplika l-Għaqda, iżda il-permess jinħareġ f'isem Raymond Bugeja bħala *Licensee* A. Aquilina ikkonferma li fl-2009 l-Għaqda kellha polza tal-assigurazzjoni għax kieku ma kienx jinħareġ il-permess. Il-permess kien inħareġ mill-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Qormi bil-kundizzjonijiet normali dwar distanza, li jkun hemm *fire engine* fuq is-sit u li jkun hemm ċerti toroq magħluqin. Jesmond Aquilina jgħid li l-post minn fejn jisparaw in-nar kien jinsab minimu ta' 200 metru 'l bogħod mill-bini, però dakinhar tal-inċident huwa ma kienx fuq il-post minfejn kienu qegħdin jaħarqu n-nar.

In kontroeżami Jesmond Aquilina jispjega[30] li l-*licensee* li għandu liċenzja A, Raymond Bugeja jinħareġ il-permess fuq ismu bħala rappreżentant tal-Kamra tan-Nar ta' San Sebastjan li hi affiljata mal-Għaqda Piroteknika Maltija. Aquilina jgħid li dakinhar kien riħ mhux ħażin li kien qiegħed jonfoħ fid-direzzjoni tal-korsa taż-żwiemel tal-Marsa.

**Manwel Borg**, il-President tal-Għaqda tan-Nar ta' San Sebastjan qal[31] li kellhom polza tal-assigurazzjoni għall-ħruq tan-nar dakinhar tal-inċident, u kellhom *fire engine* fuq il-post kif rikjest mill-permess. Il-Pulizija ikejjlu distanza ta' mitejn metru minn fejn jistgħu jisparaw il-murtali kull sena. Borg qal li il-*fire engine* bdiet titfi n-nar minn barra u wara xi tlett kwarti waslet is-segretarja tal-*golf club.* Fil-frattemp, uffiċjali tal-Protezzjoni Ċivili talbu għall-assistenza ta' żewġ *fire engines* oħrajn. Manuel Borg jgħid li dakinhar id-

[29] *A fol.* 214A sa 214B.
[30] *A fol.* 226 sa 228.
[31] *A fol.* 220 sa 221.

direzzjoni tar-riħ ma kinitx lejn il-*club* iżda lejn il-korsa taż-żwiemel. Skont il-konvenut Manuel Borg, il-kamra li qabel l-inċendju kellha saqaf tal-*corrugated plastic sheeting,* wara l-inċident inbniet fuq żewġ sulari bis-soqfa tal-konkos.

In kontroeżami Manuel Borg ikkonferma[32] li hu kien wieħed minn dawk li kienu qegħdin jaħarqu il-murtali fil-ġurnata tal-inċident. Il-persuna responsabbli għall-ħruq tan-nar kien Raymond Bugeja li kellu il-liċenzja A, mentri huwa kellu l-liċenzja B. Raymond Bugeja bħala l-persuna responsabbli ma jkunx qed jaħraq in-nar bħalhom, iżda jkun qiegħed jissorveljahom. Dakinhar tal-inċendju Raymond Bugeja kien ħdejhom u kellu r-responsabbilità li jwaqqafhom jekk jiġri xi ħaġa.

Il-*licensee* **Raymond Bugeja** xehed[33] li ilu bil-liċenzja A madwar 40 sena. Spjega li din il-liċenzja takkwistaha wara kors u biha tista' timmanifattura u taħraq in-nar. Għall-ġranet tal-ħruq tan-nar huma jkunu koperti b'polza tal-assigurazzjoni. Bugeja jgħid li huma obbligati iżommu d-distanzi skont il-liġi u fuq il-post ma jkunx hemm uffiċjali oħrajn ħliefu u dawk li jgħinuh, ilkoll liċenzjati. Bugeja jgħid li *fire engines* viċin is-sit kien hemm tnejn, waħda mhux 'l bogħod minn fejn kienu huma u l-oħra fit-triq. Il-Pulizija ma jkunx ħdejhom iżda barra biex iżomm it-triq magħluqa. Bugeja jgħid li kif induna bil-ħruq, huwa waqqaf l-isparar sabiex tkun tista' tidħol il-*fire engine.* Il-konvenut Raymond Bugeja jgħid li l-pumpiera damu biex tfew in-nar minħabba bieb li sabu msakkar. Bugeja jgħid ukoll li l-għada tal-inċendju induna li l-*corrugated sheeting* tal-*golf club* kien miksi bil-qasab.

32 *A fol.* 229 sa 230.
33 *A fol.* 232 sa 236.

In kontroeżami Bugeja jikkonferma[34] li l-permess dakinhar ħareġ fuq ismu u li hu wkoll membru tal-Kumitat tal-Għaqda tan-Nar San Sebastjan. Ikkonferma li n-nar kienet taħarqu l-Għaqda bil-liċenzja tiegħu. Raymond Bugeja jgħid ukoll li dakinhar tal-inċident kien riħ qawwi u li skont is-*surveyor* ir-riħ kien qiegħed jonfoħ fid-direzzjoni tal-korsa u mhux direttament lejn il-*golf club.* Raymond Bugeja jgħid li l-murtali jitilgħu għoli 300 metru però ma jaslux sal-*golf club* u l-fdalijiet tal-murtali jinħarqu qabel ma jinżlu fl-art.

Xehdu wkoll Gordon Cassar, Toni Pisani u Charles Cordina, ilkoll impjegati tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili fid-diviżjoni tat-tifi tan-nar. **Gordon Cassar**, *Assistant Rescue Officer* jgħid[35] li dakinhar kien *extra duty* mitlub mill-Għaqda ikun *standby* fuq il-post għal dak li jista' jinqala'. Dakinhar jiftakar li kien hemm żiffa qed titfa' lejn razzett tal-baqar u hu u kollega ieħor Stephen Friggieri, wara *risk assessment* li huma għamlu flimkien ma' dawk li jaħarqu in-nar li jkunu jafu l-akkwati sewwa, qagħdu ġewwa il-*fire engine water carrier* fir-razzett. Ix-xhud jgħid li kellhom viżwali tan-nar u faċċata eżatt kien hemm il-binja tal-g*olf course.* Cassar u Friggieri kienu xi 50 metru 'il bogħod minn fejn beda nieżel id-*debris* jaqbad. Hu qal li ħaseb li qabdu xi siġar għax mhux l-ewwel darba li jiġri dan, speċjalment siġar tal-palm, li huma iktar suxxettibbli li jinħarqu. Cassar qal li kif raw in-nar, huma baqgħu deħlin bil-vettura sal-post bla xkiel u bdew jitfgħu l-ilma minn barra filwaqt li ċemplu għall-*fire engine* oħra u kienu qed jistennew li din tasal biex jagħmlu *entry* ġewwa l-post. Spjega li l-proċedura tagħhom kienet li ma jagħmlux *entry* meta ikunu waħedhom għax dan jista' jkun perikoluż u jistennew *fire engine* oħra tasal. Ix-xhud jgħid illi meta daħal fil-post, sab kollox miftuħ għax ħadu ħsieb l-oħrajn u ma kellux problemi biex jidħol.

[34] *A fol.* 236 sa 238.
[35] *A fol.* 256 sa 267 u 274 u 275.

In kontroeżami Cassar jgħid[36] li r-riħ kien qed jonfoħ lejn fejn kienu huma u lejn fejn kien hemm il-*golf club.* Ix-xhud jgħid li ma kienx xi riħ qawwi izda kien hemm żiffa. Cassar jgħid li *standy by* fuq il-post kien hemm il-*fire engine* tagħhom biss u l-*fire engine* l-oħra ġiet minn Kordin. Ix-xhud jgħid li meta huma daħlu fuq il-post, l-isparar waqaf. Cassar jgħid li meta wasal fuq il-post, hu seta' jibda jopera mill-ewwel bla xkiel. Imbagħad qal li kif ġew ta' Kordin, fetħu huma.

**Toni Pisani**[37], *Operations Manager* mas-*Civil Protection* jgħid li hu jkun *on call 24 hours* imexxi operazzjonijiet ta' emerġenza. Meta wasal fuq il-post, in-nar kien għaddej sew. L-operazzjoni damet xi tlett sigħat. Ix-xhud jgħid li ma kienx xi riħ ta' barra min hawn li jaffetwalhom l-ilma tal-pipijiet tagħhom, però kien hemm ir-riħ. Fuq il-post waslet vettura oħra tagħhom minħabba l-kwantità ta' ilma li kien hemm bżonn. Hu qal li dam xi għaxar minuti biex wasal u kien hemm uffiċjal tal-*club* fuq il-post. Toni Pisani ma jiftakarx li kellhom xi problema biex jidħlu u jgħid li in-nirien kienu l-aktar fejn il-*locker room* li kellha ħitan tal-*bricks* u soqfa tal-*fibre glass.* Ix-xhud jgħid li fil-post ma kienx hemm xi sistema ta' *anti-fire.*

In kontroeżami[38] Pisani jgħid li:

> "... waqt li konna qegħdin nitfu, komplew jaħarqu n-nar. Aħna bdejna ngħidulhom taħarqux għax qegħdin hawn hekk aħna u huma baqgħu jaħarqu n-nar. U beda ġej u baqgħu jaħarqu l-kaxxa tan-nar."

Ix-xhud jgħid li meta wasal hu fuq il-post, ma rax problemi ta' aċċess.

---

[36] *A fol.* 267 sa 274.
[37] *A fol.* 276 sa 282 u 288 sa 291.
[38] *A fol.* 282 sa 288.

Xehed ukoll **Charles Grima**[39], *Leading Assistant Risk Officer* li jieħu ħsieb ix-*shift* tan-nar f'Kordin. Ix-xhud jgħid li meta ċemplulhom kien mar b'*fire engine* flimkien ma' oħra minn Kordin. Ma damx biex jasal u hu daħal ġewwa il-bini li kien kollu miftuħ u assuma li kienu tad-dipartiment li sfurzaw il-bibien għax kien hemm *crowbar* tagħhom mal-bieb, però qal ukoll li ma jistax jgħid jekk użawhiex din il-*crowbar* jew kinitx hemm għal li jista' jkun. Wara li beda jikklerja id-duħħan, ix-xhud jgħid illi kien hemm xi ħadd tal-post li fetħilhom għal ġol-*area* tal-*bar.* Ix-xhud jispjega li kien hemm sħana enormi fil-post kollu u ħsarat anki fil-*bar* u *restaurant,* tant li xi *air-conditioners* bdew idubu minn barra. Ix-xhud jgħid li ra ħsara konsiderevoli u jżid jgħid li meta daħlu bil-*fire engines* kienu qalu lil tal-Għaqda biex jieqfu jisparaw, però imbagħad kien hemm xi *misunderstanding*[40] u dawn reġgħu bdew jaħarqu il-murtali, u dan waqt li huma kienu għadhom qegħdin jitfu n-nar. Ix-xhud jgħid li fl-istess post ġieli kienu qabdu bil-murtali xi siġar tal-palm jew siġar oħrajn.

In kontroeżami x-xhud jgħid[41] li huma kienu insistew ma' tal-Għaqda biex ma jaħarqux aktar nar għax kien hemm huma u l-vetturi tagħhom, però dawn komplew jisparaw in-nar waqt li l-pumpiera kienu għadhom hemmhekk, kontra dak li kienu qalulhom l-istess pumpiera.

*Provi u kostatazzjonijiet dwar danni sofferti mill-atturi*

L-atturi f'din il-kawża huma tnejn, (1) is-soċjetà GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tar-Royal Malta Golf Club u ta' membri tal-

[39] *A fol.* 292 sa 307 u 311 sa 314.
[40] *A fol.* 304.
[41] *A fol.* 307 sa 311.

istess RMGC li kellhom l-*equipment* tal-golf u l-aċċessorji fil-*lockers* tagħhom li inqerdu fin-nirien li ħakmu il-*locker room* tal-*club,* u ċjoè Roger Nelson Kenward, Sean u Lisa Bradshaw, Kay Chopping u George Busuttil; u (2) ir-Royal Malta Golf Club għal dawk l-ammonti li issuperaw is-somma assigurata li kienet *undervalued*. Paul Stoner, iċ-*Chairman* onorarju tar-RMGC ispjega illi s-somma assigurata żammewha dejjem l-istess sa dakinhar tal-inċident u ma rrealizzawx li maż-żmien l-*equipment,* il-makkinarju u l-bini jibqa' tiela' fil-prezz.

**Bernard Farrugia** tar-*Resolve Consulting* li kienet inkarigata mis-soċjetà attriċi GasanMamo Insurance Limited biex tinvestiga l-każ, bl-għajnuna tal-**perit Alfred Grech,** għamel stima ta' kemm kien jiswa llum il-bini kollu tal-*club* kif ukoll il-kontenut kollu ta' ġo fih kopert bl-assigurazzjoni u ikkonkluda li s-somma assigurata ma kinitx tkopri il-valur kollu tal-lum u għalhekk is-soċjetà attriċi għamlet pagament *pro rata* għad-danni subiti mill-club u minn xi membri tiegħu. Id-danni l-oħra kellhom jitħallsu mill-fondi tal-*club.*

Mill-prospett li ġie ppreżentat mis-soċjetà attriċi GasanMamo Insurance Limited[42] jirriżulta li hija ħallset lir-RMGC is-somma ta' €78,845 għall-ħsarat u €4,251 tas-*survey fees.*[43] Is-soċjetà attriċi ppreżentat ukoll kopja tas-surroga[44] mogħtija lilha mill-assigurati tagħha ir-RMGC u ħames membri tagħha. Kwantu għad-danni l-oħrajn li ma kinux koperti mill-assigurazzjoni, dawn kienu jammontaw għal €31,281, li kienu jinkludi l-ammont tal-*policy excess* u ċjoè l-ewwel €2,000 li kellhom jitħallsu mir-RMGC. Id-danni li tħallsu mis-soċjetà attriċi huma kkonfermati mid-diversi *surveys* li saru tal-ħsarat u

[42] A *fol.* 19.
[43] Ara kopja tal-irċevuta tas-*survey fees* a fol. 20.
[44] *A fol.* 21.

mqabbla mal-ħsara kif ikkonstata mir-ritratti eżebiti f'dawn il-proċeduri. Ma ġew ippreżentati l-ebda provi mill-kontropartijiet li d-danni mħallsa mis-soċjetà attriċi kienu b'xi mod eċċessivi. Mid-dokumentazzjoni ppreżentata mis-soċjetà attriċi, jirriżulta li dawn kienu kollha ħsarat reali u attwali u fil-fatt ma ġewx kkontestati fil-kors ta' dawn il-proċeduri mill-konvenuti b'xi provi kuntrarji. Il-ħsarat ġew ukoll ikkonfermati mis-segretarja tar-RMGC **Vanessa Galea** u miċ-*Chairman* onorarju **Paul Stoner**. Il-*quantum* tad-danni ġew ukoll ikkonfermati mill-**perit Edgar Rossignaud** li kien inkarigat mir-RMGC u mis-*surveyor* **Jason Vassallo** li ġie inkarigat mill-assiguraturi tal-konvenuti u li fir-rapport tiegħu[45] żamm riżerva għad-danni ta' €150,000 meta hu stess kien xehed li dawk kienu jindikaw ħsarat minn barra u għalhekk ma kienx ħa in konsiderazzjoni tal-*equiment*, aċċessorji eċċ li nqerdu ġewwa l-istess *club.*

Tqis illi l-valur indikat fl-imsemmi prospett tal-equipment u aċċessorji ta' xi membri tar-RMGC koperti bl-assigurazzjoni, ġie ukoll ippruvat: għar-rigward ta' **Roger Nelson Kenward** fis-somma ta' €75[46]; għar-rigward ta' **Sean u Lisa Bradshaw** fis-somma ta' €600[47]; għar-rigward ta' **Kay Chopping** fis-somma ta' €130[48]; u għar-rigward ta' **George Busuttil** fis-somma ta' €600.[49] Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-atturi, hemm imsemmi li George Busuttil qed jippretendi l-valur tad-danni li ma ħallsitux tagħhom l-assigurazzjoni, fis-somma ta' €330[50], iżda il-Qorti tirrileva li George Busuttil mhux parti fil-kawża u għalhekk ma tistax tikkunsidra dan l-ammont.

---

[45] *A fol.* 203.
[46] A*cceptance form, a fol.* 83.
[47] A*cceptance form, a fol.* 84.
[48] A*cceptance form, a fol.* 85, affidavit, *a fol.* 109 u valutazzjoni tar-RMGC, *a fol.* 111.
[49] A*cceptance form, a fol.* 86, affidavit, *a fol.* 112 u valutazzjoni tar-RMGC Club, *a fol.* 113 sa 115.
[50] Nota, *a fol.* 392.

Għaldaqstant is-somma li s-soċjetà attriċi assiguratriċi kif surrogata mill-assigurati tagħha qiegħda titlob li titħallas lilha mill-konvenuti hi ta' **€84,501** u l-attur RMGC qiegħed jitlob li l-konvenuti jħallsuh għad-danni ta' **€31,281** li r-RMGC ipprova li ħareġ minn fondi tiegħu, u ċjoè s-somma komplessiva ta' **€115,782.00** kif mitluba fir-Rikors Maħluf.

## Kunsiderazzjonijiet legali

Mill-provi prodotti, inkluż l-atti tal-inkjesta kriminali, jirriżulta fuq bażi ta' probabbilitajiet li l-inċendju beda kawża tal-isparar tan-nar tal-festa mill-Għaqda tan-Nar San Sebastjan AD 1979. L-inkjesta kriminali tikkonkludi li bi probabbilità kbira din kienet il-kawża tan-nirien. L-istess inkjesta teskludi li kien hemm sgass minn terzi jew ħruq intenzjonat jew kawża ta' xi difetti fis-sistema tal-elettriku fil-bini tar-RMGC. Din il-Qorti taqbel pjenament mal-konklużjonijiet tal-inkjesta.[51] Anki is-*survey* tal-espert Jason Vassallo inkarigat mis-soċjetà tal-assigurazzjoni tal-konvenuti, indirettament jasal għall-istess konklużjoni dwar il-kawża tal-inċendju, għad li jipprova jfittex kif jista' b'xi mod inaqqas ir-responsabbilità tal-assigurati tal-klijenta tiegħu, fis-sens li jargumenta li l-konvenuti ma jistgħux jinstabu responsabbli għall-inċendju 'il għaliex huma segwew ir-regoli kollha stipulati, kienu koperti bil-permessi relattivi, ħadu l-prekawzjonijiet kollha neċessarji u skont l-istess espert, tal-RMGC kienu traskurati li ħallew saqaf tal-*corrugated plastic fibre,* li l-esperti kollha qablu li huwa materjal infjammabbli ħafna, u r-RMGC fil-kuntratt tal-kera kien aċċetta li jitħallew f'ċerti dati li jiġu sparati l-murtali u jinħaraq in-nar mill-Għaqda. Għalkemm kopja ta' dan il-kuntratt ma ġietx prodotta in atti,

[51] *A fol.* 160 sa 168.

waqt l-aċċess miżmum mill-Qorti fuq il-lok tal-inċident, saret dikjarazzjoni f'dan is-sens minn rappreżentant tar-Royal Malta Golf Club.[52] Dan kollu jfisser li anki Jason Vassallo jieħu bħala fatt illi l-logħob tan-nar tal-Għaqda[53] kien il-kawża tal-inċendju fir-RMGC, għalkemm fix-xhieda tiegħu baqa' jinsisti, b'mod li din il-Qorti tqis li hu xejn professjonali u xejn korrett, li ma setax jgħid x'kien li ikkawża n-nirien.

Filwaqt li tqis illi ġie ampjament ippruvat x'kienet eżattament l-kawża immedjata tal-inċendju fir-RMGC, jeħtieġ li jiġi stabbilit ukoll jekk din il-kawża tal-inċident titfax ukoll b'xi mod xi responsabbiltà fuq l-konvenuti. Barraminnhekk jeħtieġ li jiġi determinat ukoll jekk il-fatt li l-materjal infjammabbli tas-saqaf tal-*locker room* tal-*club,* li ċertament għin biex il-ħruq ikkawża aktar ħsara, fattur li l-esperti inkarigati mill-partijiet jew appuntati fl-inkjesta maġisterjali, ilkoll kemm huma jaqblu fuqu, għandux ifisser li l-attur Royal Malta Golf Club għandu jġorr xi forma ta' responsabblilità kontributorja.

Id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi applikabbli għall-każ odjern huma l-artikoli 1030 sa 1033 tal-Kodiċi Ċivili:

> "**1030.** Kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu.
>
> **1031.** Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.
>
> **1032.** (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

52 *A fol.* 376 u 377. Waqt l-aċċess Juan Borg Manduca, is-Segretarju attwali tar-Royal Malta Golf Club stqarr illi l-art tar-RMGC ġiet mogħtija lill-*club* mill-Gvern b'titolu ta' ċens temporanju soġġett għad-dritt tal-konvenuti li jaħarqu n-nar minn hemmhekk fl-20 ta' Jannar, fl-Għid u f'Lulju ta' kull sena.
53 Ara l-*e-mails* tiegħu *a fol.* 207 sa 210.

(2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar.

**1033.** Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa ii biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."

Il-ġurisprudenza nostrali tgħallem li f'każ ta' attivatajiet li inerenti fihom hemm periklu sostanzjali, li l-ġrad ta' attenzjoni trid tkun assoluta. Hekk fis-sentenza fl-ismijiet **Michael Damato *noe vs.* Filomena Spiteri *et***[54] jingħad:

"L-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili jippreċiża li "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu";

Din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabilità akwiljana jew extra-kontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali *in subjecta materia*, u tennunċja l-prinċipju in virtù ta' liema l-leżjoni kaġjonata lis-suġġett tobbliga lill-awtur tal-leżjoni li jirriżarċixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tiegħu;

Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilità ċivili hi ravviżata fl-imġiba imputabbli għal dolo jew kulpa. Il-liġi ċivili tagħna ma tiddefinixix il-kolpa ċivili fl-għemil iżda tagħmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' ħsieb tal-*bonus paterfamilias* [Artikolu 1032 (1), Kodiċi Ċivili]. Dan jikkorrispondi *in criminalibus* għan-nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b' nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali;

Jidhru, imbagħad, skont id-duttrina legali illi jeżistu kriterji oħra li jagħmlu riferiment għall-element tar-riskju. Jekk il-kolpa tikkostitwixxi l-element karatterizzanti ta' l-illeċitu, huma rikonoxxuti u aċċettati wkoll aspetti ta' responsabilità speċjali in rigward għall-evitabilità tal-ħsara.

Jingħad a propositu fid-deċiżjoni fl-ismijiet "**Annunziato D'Amato et vs. Joseph Camilleri *et*",** Appell Ċivili, 3 ta' Marzu 1958 illi "meta l-att li kkaġuna d-danni kien jikkonsisti fil-maneġġ ta' ħaġa perikoluża, ir-responsabilità ta' min għamel

[54] P.A., 03.10.2003.

dak l-att hija assoluta; u min irid jeħles minn dik ir-responsabilità hu tenut jipprova, jew il-fatt tat-terz jew il-*vis major"*;

Hu ta' rilevanza f'dan il-każ illi uħud mill-konvenuti kienu qed jimmaniġġaw jew jagħmlu użu għall-iskopijiet tal-festa minn ħaġa perikoluża bħal ma hu l-logħob tan-nar. Ix-xjenza fihom tal-perikoliżità u riskju bħal dan hu evidenti ħafna anke minn dak kummentat mix-xhud Anglu Fenech (fol. 188). Dan jistqarr difatti illi "it-tfal keċċejnihom qabel inħaraq in-nar. Dan għax perikoluż, mhux affarijiet tat-tfal";

Tant kienu konxji minn dan l-istat ta' perikolu illi fid-deposizzjonijiet tagħhom dawk involuti, kemm bħala membri tas-sottokumitat tan-nar tal-każini rispettivi, kemm bħala responsabbli mill-ħruq tan-nar, jirrikorru għad-dmir imperanti, u fuqhom inkombenti bir-regolamenti tal-Avviż Legali Numru V tal-1981. Hekk jingħad li n-nar kien il-ħin kollu mgħasses, u wara l-ħruq tad-diversi biċċiet ta' piroteknika, kien jiġi assigurat li tabilħaqq "in-nar ikun inħaraq kollu" (fol. 189). Jingħad ukoll li huma kienu jieħdu ħsieb "jiġbru l-oġġetti li jaqgħu" (Joseph Zammit, fol. 194), jiġi "żbarazzat" u "kklerjat kollu" (Lawrence Aquilina, fol. 193) u "li jiġu mpjegati tal-Gvern ha jbattlu l-laned taż-żibel fil-ġnien" (Anthony Camilleri, fol. 184); ...".

Illum il-ġurnata min jaħraq il-logħob tan-nar huwa marbut b'regolamenti ferm aktar stretti minn qabel, bl-obbligi ta' kopertura b'polza tal-assigurazzjoni bħala kundizzjoni assoluta qabel jingħata permess mill-Pulizija, li min ikun qiegħed jaħraq in-nar irid ikollu fil-viċinanzi vetturi tat-tifi tan-nar, li jrid jaċċerta l-għeluq ta' toroq fid-dintorni, li jridu jinżammu distanzi tassattivi u kundizzjonijiet oħrajn li minnhom infushom jindikaw il-perikolożità ta' tali attività. Però dan ma jfissirx li min isegwi dawn ir-reġolamenti, jista' f'kull ċirkostanza jiskampa minn kull responsabbilità. Anzi l-ħtieġa ta' kopertura b'polza tal-assigurazzjoni hija indikattiva li jkunu kemm ikunu attenti d-dilettanti tal-logħob tan-nar, xorta waħda jistgħu iseħħu inċidenti, anki minħabba ċerti nuqqasijiet qabel ma jsiru ċerti attivitajiet. Mill-provi jirriżulta li f'din il-lokalità partikolari fil-konfini tar-RMGC matul iż-żmien ġieli seħħew inċidenti mhux tal-istess entità u b'konsegwenzi daqshekk devastanti, imma ġieli kien hemm inċidenti fejn inħarqu xi sigar u inħaraq it-*turf.* Min jaħraq in-

nar ma jistax jippretendi li s-sid ta' dak it-*turf* jew ta' dawk is-siġar għandu jgħattihom jew saħansitra jaqlagħhom waqt l-attività. Jekk dawk li jagħmlu din l-attività jafu li jistgħu jinħolqu inċidenti bl-attività tagħhom, u għalhekk hemm kopertura b'polza tal-assigurazzjoni għal ħsara lil terzi, u xorta jagħżlu li jagħmlu tali attivitajiet, dawn ma jistgħux jiskampaw mir-responsabbilità għax segwew ir-regolamenti. Ir-regolamenti ma jgħidux dak kollu li bħala missier għaqli ta' familja wieħed suppost li jagħmel. *Bonus pater familias* konxju tal-perikolożità ta' tali attività li tista' tvarja anki bit-temp, bħal umdità żejda li toħloq splużjonijiet waqt il-fabbrikazzjoni tal-murtali u riħ li jwassal fdalijiet tal-isparar fid-dintorni, qabel ma jibda jaħraq in-nar għandu jara x'hemm fil-viċinanzi, jagħmel speċi ta' *risk assessment*. Jekk il-*club house* tar-RMGC kellha ċerti kmamar antiki li saru fis-sittinijiet b'soqfa tal-*plastic sheeting,* tal-Għaqda kellhom jieħdu il-prekawzjonijiet kollha neċessarji, anki jekk hemm bżonn li dawn jitgħattew b'materjal mhux kombustibbli. Il-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom jenfasizzaw li l-atturi kienu konxji li xi darba tista' tiġri waħda kbira. Imma ir-responsabbilità li fejn ser jinħaraq in-nar jiġi żgurat li ma jkunx hemm fil-viċin strutturi li faċilment jistgħu jinħarqu, taqa' ultimament fuq min qed jorganizza l-attività tal-ħruq tan-nar u fuq min hu legalment responsabbli mill-ħruq tan-nar. Ladarba l-konvenuti kienu konsapevoli li fil-viċinanzi ta' fejn jaħarqu n-nar kien hemm turf u siġar li ġieli inħarqu konsegwenza tal-logħob tan-nar tagħhom, kien jispetta lill-konvenuti li jew għas-saħħa tal-argument jgħattu t-turf u s-siġar biex ma jinħarqux bil-fdalijiet tal-murtali li jinżlu ħafna drabi f'forma ta' karti jew kartun imġemmed, inkella jekk ma jagħmlux dan, iridu jaċċertaw ruħhom illi l-assigurazzjoni tagħhom tkoprihom. L-istess għandu japplika ukoll għall-bini u għall-kontenut tiegħu.

Illi l-inċendju mertu ta' din il-kawża ċertament li ma jistax jingħad li dan kien xi każ fortuwitu u imprevedibbli. Fis-sentenza fl-ismijiet **Lorenza Attard *et vs.* Charles Mangion *et***[55] jingħad:

> "In tema legali jiġi osservat li fil-kawża App.Inf. [PS] **Alfred Delia *vs.* Segretarju Permanenti *et***, 19.05.2004, ġie ritenut li l-każ fortuwitu huwa dak l-avveniment li meta setax ikun prevedut minn persuna ta' diliġenza ordinarja [App.Ċ.**, Borg Falzon *vs.* Darmanin**, Vol.XXX.I.869]. Biex ikun hemm il-każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma meħtieġ li jkun inevitabbli b'mod li ma jistax jiġi evitat b'diliġenza ordinarja tal-*bonus pater familias* [P.A., **Micallef *vs.* McCance**, Vol.XXXVII.II.637; App.**Carmelo Micallef *vs.* Direttur tax-Xogħolijiet** 28.02.2001].
>
> "Biex ikun hemm il-każ fortuwitu jrid ikun hemm [1] event li ma jiddependix mill-fatt tad-debitur, [2] event imprevedibili u [3] inevitabbli [App.K., **Raymond *vs.* Busuttil**, Vol.XXXI.i.554; App.Ċ., **Azzopardi *vs.* Arcicovich**, Vol.XXIV.172].
> Dan il-kunċett "*viene meno quando concorre il fatto posittivo o negattivo dell'uomo*" [P.A., **Fenech *vs.* Gatt**, Vol.XVIII.II.164; **Bezzina *vs.* Grech**, Vol.XXX.II.142]. *"Quando invece vi ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della proprio azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto.* [Vol.XXIV.172]."

Fuq kollox il-kawża immedjata tal-inċendju kien il-logħob tan-nar tal-Għaqda. Ma jirriżultax illi s-soqfa antiki kienu kontra ir-regolamenti tal-bini, speċjalment jekk kienu saru fis-snin sittin jew qabel. Fi kwalunkwe każ ma ġiet ippreżentata ebda prova mill-konvenuti dwar xi irregolaritajiet fis-soqfa tal-*locker room.* Skont ix-xhieda ta' żewġ uffiċjali tat-tifi tan-nar, li ċertament għandhom jitqiesu bħala xhieda indipendenti mill-partijiet, minkejja li taw ordnijiet biex ma jitkompliex il-ħruq tan-nar, tal-Għaqda xorta baqgħu

[55] P.A., 22.03.2005.

għaddejjin bil-ħruq tan-nar wara waqfa qasira biex ikunu jistgħu jgħaddu l-vetturi tat-tifi tan-nar. Dan ċertament juri kemm kienet kbira in-nuqqas ta' diliġenza da parti ta' min kien responsabbli għall-ħruq tan-nar, anki wara li kien seħħ l-inċendju.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti, dawn jindikaw is-soqfa tal-*glass fibre* bħala li kienu responsabbli għall-ħruq. Però kif diġà ngħad is-soqfa tal-*glass fibre* ma kinux responsabbli għall-ħruq, li seħħ unikament minħabba l-logħob tan-nar tal-Għaqda. Semmai s-soqfa tal-*glass fibre,* peress li kienu magħmulin minn materjal kombustibbli u infjammabbli wasslu biex in-nar jinxtred aktar.

Illi dak li jrid jiġi stabbilit għalhekk huwa jekk kienx hemm xi responsabbilità kontributorja da parti tar-RMGC fis-sens li dan naqas li jadotta dawk il-miżuri kollha raġonevoli biex jimmitiga t-telf li ġarrab. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ivor Zammit *noe vs.* Christopher Agius *et***[56] jintqal illi:

> "In linea ġenerali, huwa prinċipju tad-dritt fil-kamp tal-kompensazzjoni għal danni li "l-attur għandu kemm jista' jkun jiġi mqiegħed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma ġietx kaġjonata l-ħsara" (**Tufigno *vs.* Micallef *noe***, Qorti tal-Appell – Sede Ċivili - 23 ta' April 1965). Id-danneġġjat għandu l-jedd li jiġi rimborsat tad-danni li jkun sofra u li jerġa' jitqiegħed **raġonevolment** fl-istat li kien qabel sofra l-ħsara. Dan għaliex ir-risarċiment għandu jirreintegra l-patrimonju tad-danneġġjat minn kull konsegwenza ekonomika sfavorevoli għalih li jġib miegħu l-event dannuż. Għalhekk ir-risarċiment għandu jikkonsisti f'somma li **raġonevolment** twassal għall-valur tal-utilitajiet mitlufa. (**Galea *pro et noe vs.* Gatt *et*** – Qorti tal-Appell - Sede Ċivili – 24 ta' Novembru 1958 ; **Zammit *vs.* Calleja** – Appell Inferjuri – 12 ta' Jannar 1977; **Sant <u>vs.</u> Borg –** Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 3 ta' Ottubru 1979)**.**

[56] P.A., 14.05.2012.

> Din ir-regola tar-*restitutio in integrum* hija kwalifikata minn regola oħra li bħala bilanċ torbot lid-danneġġjat sabiex jadotta dawk il-miżuri kollha **raġonevoli** biex jimmitiga t-telf li jkun ġarrab, u jekk jirriżulta li ma jkunx ħa dawk il-miżuri, allura dak in-nuqqas tad-danneġġjat għandu jirrisolvi ruħu fi tnaqqis tal-quantum tad-danni. Huwa wkoll prinċipju tad-dritt li għalkemm id-danneġġjat għandu d-dmir li jagħmel dak kollu li hu **raġjonevoli** sabiex inaqqas il-ħsara u li jieħu l-miżuri kollha biex jimmitiga t-telf li jkun ġarrab, fl-istess waqt mhuwiex obbligat li jitgħabba b'piżijiet sabiex jirreduċi l-ħsara. Il-kwistjoni ta' x'inhu raġjonevoli li jagħmel id-danneġġjat biex jimmitiga l-ħsara hi materja ta' fatt li għandha tiġi konsidrata fiċ-ċirkostanzi ta' kull każ partikolari u l-oneru tal-prova f'dan ir-rigward speċifiku jaqa' fuq il-konvenut. (ara - **Aquilina *vs*. Schembri** – Qorti tal-Appell [Sede Ċivili] - 24 ta' Jannar 1969; **Xuereb *vs*. Livick *et*** – Qorti tal-Appell Inferjuri – 3 ta' Novembru 1956; Kollez. **Vol. XXXVII.I.478** u Kollez. **Vol. XXXVIII.I.249**)."

Waqt l-aċċess miżmum mill-Qorti fuq il-lok mertu ta' din il-kawża, rappreżentanti tar-RMGC qalu illi l-art tal-*club* ġiet mogħtija mill-Gvern b'titolu ta' ċens temporanju soġġetta għad-dritt tal-konvenuti li jaħarqu n-nar minn hemmhekk fl-20 ta' Jannar, fl-Għid u f'Lulju ta' kull sena. Madankollu dan ma jfissirx li r-RMGC aċċetta b'daqshekk li jagħmel tajjeb hu għad-danni li jsofri minħabba l-logħob tan-nar tal-Għaqda. Ir-RMGC ma kellu ebda obbligu li jneħħi minn ġo ħwejjiġu kull materjal li seta' jaqbad bin-nar kemm esternament jew internament minħabba l-attività ta' terzi. Ir-riskju ta' din l-attività tal-logħob tan-nar huwa r-responsabbiltà ta' min jeżerċita l-attività, salv illi min iweġġa' jew ikollu ħsarat fi proprjetà tiegħu ma jkunx xi ħadd li daħal fejn mhux suppost, li ċertament mhuwiex il-każ *de quo.*

Illi mix-xhieda tal-pumpiera jirriżulta li dan ma sabu ebda ostakolu fl-isforzi tagħhom biex jitfu in-nar li ħakem lil-*lock room* tal-*club house,* minkejja l-allegazzjonijiet li saru mill-konvenuti.

Tqis li ma kien hemm ebda nuqqasijiet da parti tar-RMGC li kkontribwew biex jikbru d-danni kawża tal-inċendju, minkejja li wara x-xofa tal-inċident inkwistjoni, ir-RMGC issa qiegħed jieħu miżuri aktar stretti waqt il-logħob tan-nar tal-Għaqda, billi pereżempju jkollu *watchman* fuq il-post waqt il-ġranet tal-festi.

Illi kwantu għal min mill-konvenuti kien responsabbli għall-inċident inkwistjoni, tali responsabbiltà ma taqax biss fuq min kellu liċenżja biex jaħraq in-nar, u ċjoè Raymond Bugeja, però anki fuq min kien qiegħed jorganizza l-ħruq tan-nar, li kienet l-Għaqda tan-Nar San Sebastjan AD 1979 rappreżentata mill-President, is-Segretarju u l-Kaxxier tal-Għaqda, li dak iż-żmien tal-inċident kienu rispettivament Emanuel Borg, Jesmond Aquilina u Paul Aquilina. Tqis però li dawn m'għandhomx jiġu kkundannati f'isimhom personali sakemm ma ġiex ippruvat xi att volontarju jew ta' negliġenza assoluta minn xi wieħed minnhom, li tesponih għal responsabbilità kriminali. Fil-każ *de quo* l-attivitajiet kienu organizzati mill-Għaqda li għalhekk għandha titqies li hi responsabbli flimkien mal-*licensee* Raymond Bugeja għall-inċident mertu tal-kawża u d-danni subiti mill-assigurati tas-soċjetà attriċi u mill-attur RMGC.

Illi kif ġie kkonstatat aktar qabel, jirriżulta li d-danni sofferti mill-assigurati tas-soċjetà GasanMamo Insurance Limited u ċjoè r-Royal Malta Golf Club, Roger Nelson Kenward, Sean u Lisa Bradshaw, Kay Chopping u George Busuttil jammontaw għal €84,501 u d-danni ulterjuri sofferti mir-Royal Malta Golf Club li ma kinux koperti bl-assigurazzjoni, jammontaw għal €31,281. Il-fatt li r-Royal Malta Golf Club ma kienx kopert għalkollox bil-polza tal-assigurazzjoni, ċertament ma jfissirx li l-club ma sofriex ukoll id-danni li ma kinux koperti bl-assigurazzjoni u li fl-aħħar mill-aħħar għandhom jitħallsu lir-RMGC minn min

mill-konvenuti qiegħed jinżamm responsabbli tal-ħsarat abbażi ta' kulpa aquiliana. Ir-RMGC kopert jew mhux kopert bl-assigurazzjoni tiegħu, xorta sofra danni reali li l-Għaqda konvenuta u l-konvenut Raymond Bugeja huma obbligati li jħallsu.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti limitatament safejn ġie eċċepit li Emanuel Borg, Jesmond Aquilina u Paul Aquilina personalment mhumiex leġittimi kontraditturi u għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;**

2. **Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti sa fejn ġie eċċepit illi l-Għaqda tan-Nar San Sebastjan AD 1979 mhjiex leġittimu kontradittur u li għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;**

3. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-konvenuti;**

4. **Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi u tiddikjara lill-konvenuti Raymond Bugeja u lill-Għaqda tan-Nar San Sebastjan AD 1979 kif rappreżentata minn Emanuel Borg bħala President, Jesmond Aquilina bħala Segretarju u Paul Aquilina bħala Teżorier responsabbli solidalment**

**bejniethom għall-ħruq li seħħ fil-bini tal-Royal Malta Golf Club fit-18 ta' Lulju, 2009; u**

5. **Tikkundanna lill-konvenuti Raymond Bugeja u lill-Għaqda tan-Nar San Sebastjan AD 1979 kif rappreżentata minn Emanuel Borg bħala President, Jesmond Aquilina bħala Segretarju u Paul Aquilina bħala Teżorier solidalment bejniethom iħallsu lis-soċjetà attriċi GasanMamo Insurance Limited is-somma ta' erbgħa u tmenin elf, ħames mija u wieħed Euro (€84,501) u lill-attur Royal Malta Golf Club is-somma ta' wieħed u tletin elf, mitejn u wieħed u tmenin Euro (€31,281).**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħax mil-lum sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti Raymond Bugeja u l-Għaqda tan-Nar San Sebastjan AD 1979.**

Moqrija.